Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta' April 2001.

Avviz Nru: 3/01

Gasan Enterprises Ltd

Vs

Nicholas u Christa konjugi Diacono

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u erba' u tletin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm734.88) liema somma hija dovuta skond sitt (6) kambjalijiet iffirmati mill-istess konvenuti, li kopja taghhom qed tigi hawn esebita, liema kambjalijiet skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li huma gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra Ufficjali datata 14 ta' Dicembru 2000 kontra l-konvenuti li baqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll in-nota tal-atturi li permezz taghha llum stess cedew il-mertu tal-kawza, qieghda tilqa' t-talba attrici dwar l-ispejjez u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg